MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Numru 27/2004

Il-Pulizija
(Supretendent Raymond D'Anastasi)

vs

Reno D'Amato

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 194578(M) akkuzat talli:

a. nhar it-8 ta' Jannar 2004 f'Haz-Zebbug ghal habta tas-1:05pm bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li joqtol lil Philip Attard minn Haz-Zebbug wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan meta spara arma tan-nar fid-direzzjoni tal-imsemmi Philip Attard;

b. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-Lm500 izda hija izjed minn Lm50 fuq Van numru AAM 448 u dan ghad-dannu ta' Philip Attard minn Haz-Zebbug;
c. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi spara arma tan-nar fil-pubbliku b'perikolu ghan-nies;
d. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u/jew garr arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat l-att tar-rinviju tal-Avukat Generali li bih huwa baghat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex fin-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha tal-imputat tiddeciedi dwar il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat ai termini tal-Artikoli tal-ligi minnu citati;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-Avukat Generali qieghed jixli l-imputat taht:
(1) l-artikolu 41(1)(a) u 218 tal-Kap 9 ossija l-attentat ta' ferita gravi sanzjonabbli b'massimu ta' hames snin u minimu ta' hames xhur prigunerija;
(2) l-artikolu 325 li jitratta l-hsara volontarja soggett ghall-piena ghall-kontavenzjonijiet sa massimu ta' erba snin prigunerija li toxxilla skond l-ammont tad-dannu kagjonat;
(3) l-artikolu 24(2) tal-Kap 33 li jittratta sparar f'post abitat passibbli ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' bejn Lm20 u Lm200, jew it-tnejn flimkien;
(4) l-artikolu 3 tal-Kap 66 li jitratta l-pussess ta' arma tan-nar barra fond passibbli ghall-piena ta' bejn xahrejn u sentejn prigunerija.

Il-konfiska tal-arma tan-nar flimkien mal-munizzjon hija konsegwenza tal-piena salv il-jedd ta' persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt.

Illi dawn huma l-pieni fis-sehh l-allegat kommissjoni tar-reati addebitati lill-imputat fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Issa l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni huma li fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza sehh litigju verbali bejn l-imputat u l-ahwa Philip u Joseph Attard fl-liema tal-ahhar kienu akkuzaw lill-imputat b’li kien serqilhom l-mirja tal-van numru ta’ registrazzjoni EAC 189 u kkaguna hsara ohra fl-istess fil-hin li huma kienu hallewh ipparkeggjat fi Triq il-Mula, Zebbug. F’xi hin wara sehh l-incident tal-isparar b’senter gewwa Triq Pawlu Balzan, Zebbug, ghal liema l-imputat qieghed jigi akkuzat li spara xi tiri tan-nar fid-direzzjoni tal-van numru AAM 448 fil-waqt li kien qieghed jinstaq mill-imsemmi Philip Attard. Jirrizulta li dan il-van huwa proprjeta’ tal-imsemmi Philip Attard.

Dwar l-isparatura l-provi ma jhallu ebda dubbju dwarhom kif ben spjegat kemm mir-rapport tal-esperti ballistici u r-rapport tal-espert legali nominati fl-inkjesta. Difatti fir-rapport tal-esperti ballistici, debitament ikkonfermat quddiem din il-Qorti, jinghad li kien hemm ammont ta’ marki li saru minn combiet (pellets) li kienu jindikaw li l-van (AAM 448) kien intlaqat b’tiri ta’ senter tal-kacca liema tiri l-esperti ikkonkludew kienu fin-numru ta’ mill-inqas erba’ sparati minn distanza boghod ta’ bejn ghoxrin u erbghajn metru. Jinghad ukoll fl-istess rapport li t-tiri gew sparati minn naha ta’ wara tal-van u li kienu ukoll laqtu pilastru, balavostri u twieqi tal-fond ‘Myriam’ f’Triq Pawlu Balzan, Zebbug, residenza ta’ Philip Attard, li kien jinstab fil-‘line of sight’ tal van meta gew sparati t-tiri fuqu. Ir-rapport tal-espert legali, ukoll debitament ikkonfermat quddiem din l-Qorti, jiddeskrivi dettaljatament id-danni kagjonati fil-van konsegwenza tat-tiri sparati fuqu. Li ma jirrisultax fic-cert, minhabba nuqqas ta’ provi, u l-ammont kwantifikat ta’ danni kagunati mit-tiri fil-konfront tal-van bin-numru AAM 448 u l-fond ghalkemm hemm indizji sufficenti li fic-cert jammontaw bejn tlettin Euro u mija u sittax Euro. Fil-konfront tal-van l-iehor cioè dak bin-numru ta’ registrazzjoni EAC 189 hemm nuqqas assolut ta’ provi dwar kemm dan sofra danni jew addirittura dwar l-involviment tal-imputat fl-ikkagunar taghhom.

Intant, ir-reita’ tal-imputat ghall-akkuzi riportati kontra tieghu tohrog wisq car mill-provi konsidrati fl-assiem taghhom. Din ir-reita’ tohrog univokament mhux biss mix-xiehda ta’Philip Attard (meta xehed fl-inkjesta u fl-ewwel okkazjoni quddiem din il-Qorti) u ta’ martu izda ukoll mill-provi forensici partikolarment mir-risultanzi tal-ezamijiet ghal ‘gun shot residue’ li kienu elevati minn fuqu immedjatament wara l-isparar. Dwar l-ammissibilita’ ta’ din il-prova l-Qorti hi tal-fehma li x-xhieda tas-Surgent li eleva l-GSR minn fuq il-persuna tal-imputat, irrispettivament jekk giex jew altrimenti nominat fl-inkjesta, ghandha l-istess valur ta’ kull xhud iehor u li b’daqstant tassumi valur probatorju jekk il-prova hi emmnuta mill-Qorti. Li jirrizulta fil-kaz in ispecje hu li s-Surgent ma giex indikat fost l-esperti nominati fl-inkjesta izda sussegwentement gie prodott biex jixhed quddiem din il-Qorti li fuq l-iskorta tax-xhieda u r-rapport debitament mahluf bil-gurament quddiemha innominat lill-Ispizzjar Mario Mifsud biex jaghmel l-analizi fuq l-istess GSR. Dan l-espert finalment irrelata posittivament ghall-presenza ta’ GSR fuq l-imputat.

Ghalhekk u in vista tal-fuq espost issib l-imputat hati skond l-artikoli dedotti kontra tieghu mill-Avukat Generali u cioe’ tal-attentat ta’ ferita gravi, tad-danni volontarji fuq il-van AAM 448 u l-faccjata tal-fond ‘Myriam’ Triq Pawlu Balzan, Zebbug, li spara arma tan-nar f’post abitat u li kien fil-pussess ta’ arma tan-nar barra fond.

Rat l-Artikolu 41(1)(a), 218, 325(c), u 17(b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 24(2), 33 u 29 tal-Kap 33 u l-Artikolu 2 u 3(1A) tal-Kap 66 u tikkundannah ghal-piena ta’ sena prigunerija u multa ta’ mitt euro u liema terminu ta’ prigunerija qed jigu sospiza ghal sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv taghha. Dana wara li kkonsidrat l-fedina penali tal-imputat u l-ahhar xhieda tal-vittma Philip Attard.

Dwar il-konfiska tal-arma tan-nar l-Qorti qeghdha tastjeni li tipprovdi fin-nuqqas ta’ produzzjoni taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------